

LINJI GWIDA

**DWAR IR-RAPPURTAR
SUPERVIŻORJU DWAR IL-PEPP**

EIOPA-21/260
31/03/2021



eiopa

European Insurance and
Occupational Pensions Authority

Werrej

1. Introduzzjoni3
2. Linji gwida.....3

1. Introduzzjoni

- (1) F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010¹ (ir-Regolament tal-EIOPA) u l-Artikolu 40(2)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1238² (ir-Regolament tal-PEPP), l-EIOPA qed toħroġ dawn il-Linji gwida biex tiżgura l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tar-rappurtar superviżorju dwar il-PEPP fir-rigward tad-dettalji dwar in-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mill-fornituri tal-PEPP lill-awtoritajiet kompetenti f'intervalli predefiniti u mal-okkorrenza ta' avvenimenti predefiniti.
- (2) Dawn il-Linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti, kif iddefinit fl-Artikolu 2(18) tar-Regolament tal-PEPP, u lill-istituzzjonijiet finanzjarji li huma fornituri tal-PEPP f'konformità mal-Artikolu 2(15) tar-Regolament tal-PEPP.
- (3) Jekk mhumiex iddefiniti f'dawn il-Linji gwida, it-termini jkollhom it-tifsira ddefinita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni. Il-Linji gwida jirreferu għar-*"rappurtar superviżorju dwar il-PEPP"*, li huwa ddefinit bħala r-rapport narrattiv regolari u *ad hoc* li jippermetti lill-fornituri tal-PEPP jirrapportaw dwar l-iżvilupp tan-negozju tal-PEPP, u jippermetti l-monitoraġġ tal-effettività tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju u tal-konformità kontinwa mar-Regolament tal-PEPP.
- (4) Il-Linji gwida għandhom japplikaw mit-22 ta' Marzu 2022.

2. Linji gwida

Linja gwida 1 – Frekwenza tar-rappurtar superviżorju regolari

- 1.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-PEPP jissottomettu r-rappurtar superviżorju kwantitattiv dwar in-negozju tal-PEPP, b'referenza għal tmiem is-sena finanzjarja tal-fornituri tal-PEPP, lill-awtorità kompetenti rilevanti b'mod annwali.
- 1.2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-PEPP jissottomettu r-rapport superviżorju dwar il-PEPP lill-awtorità kompetenti rilevanti mill-inqas kull tliet snin wara d-data tar-reġistrazzjoni tal-PEPP u meta jkun hemm bidliet sinifikanti fin-negozju tal-PEPP jew xi modifika għall-PEPP, mingħajr preġudizzju għall-ewwel sottomissjoni, li għandha ssejtn fi tmiem is-sena tar-reġistrazzjoni.
- 1.3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu sottomissjonijiet aktar frekwenti tar-rappurtar superviżorju regolari skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju. F'każ ta' bidliet materjali fl-informazzjoni rrapportata wara s-sottomissjoni mill-fornitur tal-PEPP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw is-sottomissjoni mill-ġdid rilevanti u f'waqtha tal-informazzjoni emendata.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE; ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48-83.

² Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP); ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1-63.

Linja gwida 2 – Skadenzi tar-rappurtar

2.1 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-PEPP jirrappurtaw lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni kwantitattiva annwali skont ir-regoli settorjali tal-fornitur individwali tal-PEPP għar-rappurtar annwali, iżda mhux aktar tard minn 16-il ġimgħa wara tmiem is-sena finanzjarja tal-fornitur tal-PEPP.

2.2. Rigward ir-rapport superviżorju dwar il-PEPP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-PEPP jirrappurtawh lill-awtorità kompetenti mhux aktar tard minn 18-il ġimgħa wara tmiem is-sena finanzjarja tal-fornitur tal-PEPP.

2.3 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu r-rappurtar superviżorju regolari lill-EIOPA mhux aktar tard minn 4 ġimgħat wara l-iskadenzi stipulati fil-Linja gwida 2.1.

Linja gwida 3 – Kontenut tar-rapport superviżorju dwar il-PEPP

3.1 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li r-rapport superviżorju dwar il-PEPP ikopri l-oqsma li ġejjin:

- (a) aspetti rilevanti li jikkonċernaw in-negozju tal-PEPP;
- (b) l-istrateġija ta' investiment użata u l-prestazzjoni tagħha;
- (c) is-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju u l-effettività tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-PEPP;
- (d) l-implikazzjonijiet rilevanti tal-qafas prudenzjali tal-fornitur tal-PEPP.

Linja gwida 4 – Ir-rapport superviżorju dwar il-PEPP: in-negozju tal-PEPP

4.1 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, fir-rapport superviżorju dwar il-PEPP, il-fornitur tal-PEPP jiddeskrivi n-natura tan-negozju tal-PEPP tal-fornitur tal-PEPP, il-possibiltajiet ta' investiment u l-ambjent estern, kwalunkwe avveniment kummerċjali jew estern sinifikanti li jkun seħħ tul il-perjodu referenzjarju, u informazzjoni ġenerali rigward il-PEPP, li għandha tinkludi:

- (a) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-PEPP;
- (b) l-isem u l-indirizz tal-awdituri esterni tal-fornitur tal-PEPP;
- (c) deskrizzjoni tal-possibiltà ta' investiment tal-PEPP u tal-garanziji, inkluża deskrizzjoni tal-ipprezzar tal-garanziji, li l-fornitur jikteb u l-pajjiżi, li fiha jikteb dawk il-possibiltajiet, b'enfasi speċifika fuq kwalunkwe bidla tul il-perjodu referenzjarju;
- (d) deskrizzjoni tas-suq fil-mira kif ukoll deskrizzjoni ta' dawk li fil-fatt ifaddlu l-PEPP. Dik id-deskrizzjoni għandha tirreferi mill-inqas għall-profil tal-età ta' dawk li jfaddlu l-PEPP fil-mira, u għal kif il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja, l-għarfien finanzjarju u l-kapaċità ta' dawk li jfaddlu l-PEPP biex iġarrbu telf jitqiesu għall-profil ta' investiment;
- (e) kwalunkwe avveniment kummerċjali jew estern sinifikanti li jkun seħħ tul il-perjodu referenzjarju, jekk ma jkunx irrappurtat b'mod aktar speċifiku fi bnadi oħra, li kellu effett materjali fuq l-oġettivi ta' dawk li jfaddlu l-PEPP, fuq il-fornitur tal-PEPP jew fuq il-mudelli kummerċjali tal-PEPP u l-istrateġija tal-PEPP tiegħu;

- (f) ix-xejriet u l-fatturi prinċipali li kkontribwew b'mod pożittiv jew negattiv għall-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-PEPP tul il-perjodu referenzjarju;
- (g) deskrizzjoni tal-kanali ta' distribuzzjoni użati biex jinbiegħ il-PEPP u tal-kontrolli biex tiġi żgurata distribuzzjoni adegwata;
- (h) deskrizzjoni tal-proċeduri ta' swiċċjar stabbiliti għan-negozju tal-PEPP u implimentati tul il-perjodu ta' rappurtar;
- (i) deskrizzjoni ta' livell għoli tal-ilmenti riċevuti inklużi: l-eżiti tal-ilmenti, il-maturità medja tal-kuntratti li għalihom ġew riċevuti l-ilmenti, is-suġġett tal-ilment u l-azzjonijiet rilevanti meħuda mill-fornitur biex jindirizza l-ilmenti speċifiċi, kif ukoll azzjonijiet usa' biex tiġi indirizzata kwalunkwe kwistjoni relatata mat-tfassil u d-distribuzzjoni tal-PEPP.

4.2 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornitur tal-PEPP jiddeskrivi fil-qosor l-istruttura ta' governanza relatata man-negozju tal-PEPP, u li jkopri mill-inqas:

- (a) il-proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi stabbiliti li jippermettu lill-fornitur tal-PEPP jipproduċi rapporti li jirriflettu fehma reali u ġusta tal-investimenti u l-obbligazzjonijiet tal-PEPP, u li jikkonformaw mal-istandards kontabilistiċi applikabbli b'mod f'waqtu;
- (b) jekk applikabbli, informazzjoni dwar il-kompiti prinċipali tal-funzjoni ta' konformità implimentata għan-negozju tal-PEPP;
- (c) informazzjoni dwar is-sistemi u l-kontrolli stabbiliti biex tiġi żgurata l-konformità mal-politika ta' sorveljanza u ta' governanza;
- (d) fejn rilevanti, deskrizzjoni ta' kif il-kompiti prinċipali tal-funzjoni attwarja jiġu implimentati għan-negozju tal-PEPP;
- (e) spjegazzjoni ta' livell għoli dwar is-sħubiji u l-kuntratti ma' partijiet esterni għall-PEPP u dwar il-funzjonament ta' dawn il-kuntratti jew sħubiji, kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, u l-prestazzjoni tagħhom għall-kuntratti tal-PEPP affettwati.

Linja gwida 5 – Ir-rapport superviżorju dwar il-PEPP: strateġija ta' investiment u prestazzjoni

5.1 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornitur tal-PEPP jiddeskrivi l-istrateġija ta' investiment użata għal kull possibbiltà ta' investiment tal-PEPP. Din id-deskrizzjoni għandha tinkludi mill-inqas:

- (a) deskrizzjoni tas-sistemi stabbiliti biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament tal-PEPP;
- (b) identifikazzjoni tal-fatturi ta' riskju u tas-sorsi ta' redditu tal-istrateġija ta' investiment;
- (c) deskrizzjoni ta' kif l-istrateġija ta' investiment tiegħu inkunsiderazzjoni l-interessi ta' dawk li jfaddlu l-PEPP, b'kunsiderazzjoni tal-profil speċifiku tagħhom u bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG);
- (d) deskrizzjoni tas-sistemi stabbiliti biex tiġi mmonitorjata l-istrateġija ta' investiment tal-PEPP kif ukoll tal-politika biex tinbidel l-istrateġija meta dan ikun meħtieġ;

(e) fejn rilevanti, deskrizzjoni tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-likwidità kif ukoll tal-azzjonijiet li l-fornitur tal-PEPP jista' jieħu jekk iseħħ avveniment bħal dan.

5.2 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornitur tal-PEPP jistipula informazzjoni dettaljata dwar il-prestazzjoni finanzjarja ta' investimenti miżmuma għall-PEPP, inklużi:

- (a) l-analiżi mill-korp amministrattiv jew maniġerjali tal-prestazzjoni ġenerali tal-investimenti relatati mal-PEPP;
- (b) informazzjoni dwar qligħ jew telf mill-investimenti tal-PEPP u, fejn rilevanti, dwar komponenti ta' dak l-introjtu minn subsetti xierqa tal-kategoriji ta' investiment;
- (c) l-impatt tad-derivattivi fuq il-prestazzjoni tal-investiment tal-PEPP;
- (d) informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-investiment tal-PEPP imġarrba tul il-perjodu referenzjarju bi tqabbil ma' snin preċedenti, u r-raġunijiet għall-bidliet materjali.

Linja gwida 6 – Ir-rapport superviżorju dwar il-PEPP: immaniġġjar tar-riskju u tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju

6.1 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornitur tal-PEPP jiddeskrivi fil-qosor it-tipi ta' riskji li għalihom ikunu jew jistgħu jkunu esposti dawk li jfaddlu l-PEPP, is-sistema ta' mmaniġġjar tar-riskju fir-rigward tal-forniment tal-PEPP, inklużi l-istrateġija tar-riskju u l-politiki miktuba tiegħu li jkunu stabbiliti biex tiġi żgurata konformità mal-istrateġija tiegħu.

6.2 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornitur tal-PEPP jiddeskrivi kif is-sistema ta' mmaniġġjar tar-riskju tkun tista' tidentifika, tkejjel, timmonitorja, timmaniġġja u tirrapporta, fuq bażi kontinwa, ir-riskji li għalihom ikunu jew jistgħu jkunu esposti dawk li jfaddlu l-PEPP, u l-interdipendenzi tagħhom. L-informazzjoni meħtieġa għandha tinkludi:

- (a) il-qafas ta' mmaniġġjar tar-riskju implimentat għan-negozju tal-PEPP, abbażi ta' politiki miktuba dwar kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji, b'kunsiderazzjoni tan-natura, il-volum u l-kumplessità tal-PEPP offrut;
- (b) is-sistemi li jkunu stabbiliti biex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-PEPP;
- (c) il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tas-sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju, abbażi ta' politiki miktuba dwar kif għandhom jiġu mmaniġġjati r-riskji, inkluża deskrizzjoni tal-għodod ta' mmaniġġjar użati biex jiġu identifikati, mkejla, mmonitorjati, immaniġġjati u rrappurtati r-riskji relatati mal-forniment tal-PEPP, b'deskrizzjoni tal-approċċi tal-fornitur tal-PEPP għall-immaniġġjar ta' mill-inqas ir-riskji finanzjarji u ta' likwidità, ir-riskji tas-suq, ir-riskji ta' kreditu, ir-riskji għar-reputazzjoni u r-riskji ESG;
- (d) l-effettività tal-immaniġġjar tar-riskju u tas-sistemi ta' kontroll intern stabbiliti, b'kunsiderazzjoni għar-riskji relatati mal-PEPP li huma mfasla biex jikkontrollaw;
- (e) rieżami ta' livell għoli tal-kamp ta' applikazzjoni, il-frekwenza u r-rekwiżiti tal-informazzjoni ta' ġestjoni ppreżentata lill-korp amministrattiv jew maniġerjali rigward il-PEPP;

(f) dettalji dwar kif il-fornitur tal-PEPP jimmonitorja r-riskji li jirriżultaw minn pożizzjonijiet mhux derivattivi.

6.3 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornitur tal-PEPP jippreżenta dettalji dwar it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju użati, li għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) dettalji dwar il-mekkaniżmi ta' allokkazzjoni, l-approċċi, il-metodoloġiji għal u l-prestazzjoni effettiva tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju użati għall-possibiltajiet ta' investiment tal-PEPP;

(b) il-proċessi għall-monitoraġġ tal-effettività kontinwa ta' dawn il-prattiki ta' mitigazzjoni tar-riskju.

Linja gwida 7 – Ir-rapport superviżorju dwar il-PEPP: aspetti relatati mal-qafas prudenzjali tal-fornitur tal-PEPP

7.1 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornitur tal-PEPP jirrapporta d-dettalji li ġejjin:

(a) informazzjoni dwar il-prinċipji ta' evalwazzjoni applikati għall-finijiet ta' solvenza, fejn applikabbli;

(b) informazzjoni dwar l-istruttura kapitali tal-fornitur tal-PEPP, il-proporzjon kapitali u l-livell ta' ingranaġġ, fejn applikabbli.

Regoli dwar il-Konformità u r-Rappurtar

8.1 Dan id-dokument jinkludi Linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-EIOPA. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EIOPA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet.

8.2 L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li jkunu biġnsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

8.3 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk ikunux biġnsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji gwida, bir-raġunijiet għannuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mill-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

8.4 Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mar-rappurtar u jiġu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet

8.5 Dawn il-Linji gwida jistgħu jkunu suġġetti għal rieżami fil-futur mill-EIOPA f'konformità mar-Regolament tal-EIOPA.

EIOPA

Westhafen Tower, Westhafenplatz 1

60327 Frankfurt – Germany

Tel. + 49 69-951119-20

info@eiopa.europa.eu

<https://www.eiopa.europa.eu>